MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 360/2003

**Kurt Attard**

**Vs**

**Micro Systems Enterprises Limited (c-17910)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li tghaddi lill-attur l-ircevuta tac-cens mhallsa up-to-date tal-fond 42, Triq l-Universita' l-Msida, kif is-socjeta konvenuta obbligat ruhha illi taghmel f'kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Joseph Abela bid-data 8 ta' Frar 2002 li gie anness u mmarkat bhala dok A, kif ukoll tillikwida d-danni gja sofferti u li jistghu jigu sofferti peress illi l-attur ipprezenta cedola sabiex jinfeda c-cens fis-7 ta' Marzu 2003 u dan mhux qed jigi accettat minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsulti, ittri interpellatorji, protest gudizzjarju, telefonati mad-direttur u mal-istraccjatur tas-socjeta konvenuta u bl-interessi skond il-ligi, sad-data tal-pagament effettiv mid-data tal-avviz. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ic-cens tal-fond 42, Triq l-Universita’ l’Msida huwa wiehed annwu u perpetwu ta’ hamsin (Lm50) lira u ghalhekk il-valur tieghu kapitalizzat bil-5% ma jeccedix l-elf u hames mitt lira (Lm1,500).

Rat kif ukoll l-att pubbliku anness mal-istess avviz, bhala vera kopja mill-original, u markat Dok A (fol 2 tal-atti).

Rat n-nota tal-eccezzjonijeit tal-istess socjeta konvenuta (fol 13 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.
2. Illi s-socjeta konvenuta minn meta akkwistat il-fond 42, Triq l-Universita Msida u cioe’ mill-31 ta’ Jannar 1996 sa meta trasferiet il-fond imsemmi lill-attur fit-8 ta’ Frar 2002 hija dejjem hallset kull cens dovut.
3. Illi l-eccipjenti fil-fatt ilha li ghaddiet l-ircevuta mitluba f’dan l-avviz lill-attur sa minn April 2002.
4. Illi f’din l-ircevuta hemm indikat car li kull ammont ta’ cens li kien dovut huwa mhallas u l-unika riserva li hemm fl-ircevuta tirrigwarda cnus dovuti qabel ma il-fond in kwistjoni kien ghadda ghand is-socjeta konvenuta.
5. Illi l-ircevuta imsemmija li giet mghoddija lill-attur hija wahda up to date u dan ghall-perjodu li l-eccipjenti kienet is-sub censwalista u minghajr pregudizzju kull hlas ta’ cens li jista ghadu dovut kif imsemmi fl-istess ircevuta jirrigwarda l-perjodu ta’ qabel l-1996, u ghalhekk preskritt skond il-ligi.
6. Illi in ogni caso u minghajr pregudizzju certament meta l-eccipjenti obligat ruhha li tghaddi l-ircevuti up to date, dan l-obbligu ma kienx jinkludi li tghaddi ircevuti ghall-perjodu meta ma kellha x’taqsam xejn mal-fond, liema ircevuti qatt ma kienu fil-pussess taghha.
7. Illi ghalhekk, jekk kif qed jallega l-attur ic-cedola sabiex jinfeda c-cens mhix qed tigi accettata, dan ma

huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta u l-attur kien messu ha azzjoni kontra minn mhux qed jaccetta l-imsemmija cedola.

8. Illi ghal dak li jirrigwarda danni, l-attur fil-fatt ma sofra ebda danni, u bla prgudizzju jekk sofra xi danni s-socjeta konvenuta ma hija responsabbli b'ebda mod.

9. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, mill-istess atti, jirrisulta illi:-

a. Is-socjeta konvenuta qed tigi likwidata liema fatt jirrisulta a fol 14, a fol 19 u a fol 20 tal-istess atti.

b. Fis-seduta tal-17 ta' Mejju 2004 (fol 19 ibid) il-partijiet iddikjaraw illi:

1. l-attur kien gie rikonoxxut bhala l-infitewta l-gdid minflok is-socjeta konvenuta u dan in vista tal-accettazzjoni, da parti tad-direttarju tal-hlas ta' lawdemju u;

2. illi c-cedola ta' depositu u fidi ta' cens da parti tal-attur kienet filfatt giet, presentata fir-Registru tal-Qorti u kienet saret l-insinwazzjoni skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illi skond l-imsemmi Dok A (a fol 2 tal-atti) jinghad fih (fol 3 'in calce') illi l-kumpanija konvenuta hi obligata li tghaddi a favur tal-atturi, kopja tal-ircevuti mhallsa 'up to date' …. tac-cens u dana sat-18 ta' Frar 2002. Dwar dan il-punt, is-socjeta konvenuta eccepiet illi kienet ghaddiet '….. l-ircevuta mitluba f'dan l-avviz lill-attur sa minn April tal-2002' . Inoltre meta xehed George Casha (fol 20 et seq ibid) in konnessjoni mac-cens annwu u perpetwu li ghalih hi soggetta l-propjeta' trasferita lill-attur, qal u xehed b'referenza ghall-ircevuta esbita in atti a fol 16A, illi kif risultanti minnha, l-istess socjeta' konvenuta kienet hallset ic-cens kollu dovut minnha ghas-snin 1999, 2000 u 2001, ossija ghall-perijodu kollu meta s-socjeta konvenuta kienet

il-proprjetarja tal-istess fond, kif soggett ghac-cens imsemmi. Hu kompla jghid li seta' kien hemm xi arretrati ta' cens dovuti, pero', ghall-perjodu precedenti, kif hemm mnizzel fl-istess ircevuta. Dwar dan il-punt, il-Qorti tara, li meta l-partijiet ftehmu dwar il-kondizzjoni in esami, l-istess kondizzjoni, kienet qed tirreferi ghall-perjodu ta' meta l-istess post kien jappartjeni lis-socjeta konvenuta u mhux ghal xi perjodu precedenti, meta l-istess propjeta' kienet f'idejn terzi.

Illi kif risultanti mill-istess kopja ta' ircevuta u minn dak li qal l-istess xhud, din l-ircevuta giet mghoddija lil Charles Attard missier l-attur (ara fol 16 ibid) tardivament izda qabel il-presentata tal-avviz in esami u dan il-punt ser jigi kunsiderat fil-kap tal-ispejjes (ara 'infra').

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni talba, ma ingiebet ebda prova dwar il-konsistenza ta' dawn id-danni u f'hiex kienu jikkonsistu. Pero dwar l-istess talba ghandu jinghad u jidher li l-attur kellu d-dritt li jifdi c-cens in kwistjoni skond il-ligi 'in materia' (ara l-artikolu 1501 tal-Kodici Civili fis-subinciz 7) u ma ngiebet ebda prova dwar "…. U dan mhux qed jigi accettat minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta konvenuta' b'mod specjali x'kienu tali 'nuqqasijiet'.

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma tal-Qorti u minhabba dak premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------